# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Lulju, 2019.**

**Numru 22**

**Rikors numru 574/12AE**

**Stephen Vella**

**v.**

**Adriana Vella**

Preliminari

1. Dawn huma appell principali maghmul mill-konvenuta u appell incidentali maghmul mill-attur minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Novembru 2013 li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet billi, filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, kif ukoll cahdet it-tielet talba u parti mir-raba' talba tal-attur, laqghet il-kumplament tat-talbiet attrici u

kkundannat lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' €49,781.36 b'imghax mid-data tas-sentenza appellata, rapprezentanti rifuzjoni ta' manteniment u flus ohra li l-attur kien ta lill-konvenuta ghall-bzonnijiet tat-tifla minuri Erica Decoda, bl-ispejjez a kariku tal-konvenuta hlief dawk relatati mat-tielet talba tal-attur li ghandhom jigu sopportati minnu.

Fatti

2. Fil-qosor, il-fatti relevanti huma dawn. Fit-23 ta' April 1998 l-attur u martu l-konvenuta iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni li permezz tieghu l-attur, inter alia, obbliga ruhu li jkompli jmantni lit-tifla Erica li twieldet waqt iz-zwieg u li allura kienet giet registrata bhala bintu. B'sentenza moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fil-15 ta' Novembru 2011 fil-kawza fl-ismijiet Mario Borg vs Adriana Vella, gie gudizzjarjament dikjarat li l-imsemmija tifla ma kinitx il-wild naturali tal-attur izda kienet bint Mario Borg li mieghu l-konvenuta kellha relazzjoni adulteruza.

3. Permezz ta' dawn il-proceduri l-attur qed jitlob ir-rifuzjoni ta' dak kollu li huwa hallas lill-konvenuta ghat-tifla, mid-data tat-twelid taghha, jigifieri mit-12 ta' Lulju 1996 'il quddiem.

Is-Sentenza Appellata

4. Peress li s-sentenza appellata fiha riprodotti t-talbiet tal-attur, l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, il-konsiderazzjonijiet u l-motivazzjonijiet li wasslu lil dik il-Qorti ghad-decizjoni taghha, dik is-sentenza ser tigi riprodotta fl-intier taghha:

"Permezz ta' rikors guramentat prezentat fil-5 ta' Gunju 2012, l-attur qieghed jitlob li l-qorti:-

"1. Tiddikjara li qatt ma kien tenut ihallas manteniment ghall-minuri Erica Dacoda, peress li m'hijiex bintu;
"2. Tillikwida l-ammont ta' manteniment u kull ammont iehor li hallas ghall-minuri Erica Decoda;
"3. Tillikwida d-danni li sofra u li ghadu qieghed isofri minhabba l-agir ta' martu;
"4. Tikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont li jigi likwidat, u dekorribbli mid-data ta' kull hlas.

"Il-konvenuta wiegbet li (fol. 260):-

"1. Ghandu jigi kkjamat fil-kawza Mario Borg, peress li l-kawza titratta dwar obbligazzjonijiet u drittijiet tieghu wkoll.
"2. Il-ligi ma tipprovdix dwar hlas lura ta' manteniment li thallas.
"3. F'dan il-kaz il-manteniment li thallas kien miftiehem bejn iz-zewg partijiet *ex contractu*. Ghalhekk *pacta sunt servanda*.
"4. Meta fit-23 ta' April 1998 l-attur iffirma l-kuntratt ta' separazzjoni kien jaf li hemm dubju dwar il-paternita' tal-minuri Erica Decoda. Madankollu huwa xorta dahal ghall-obbligazzjoni bhala missier li jhallas il-manteniment.
"5. Hi ma kienitx in *mala fede* meta ghamlet il-kuntratt ta' separazzjoni peress li kienet infurmat lill-attur li kellha relazzjoni barra z-zwieg.

"Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti.

"Il-fatti huma:-

"1. Il-kontendenti huma mizzewwgin.
"2. Matul iz-zwieg twieldu Dylan (25 ta' Settembru 1993) u Erica Decoda (12 ta' Lulju 1996[1]).
"3. Qabel twieldet it-tifla Erica Decoda, il-konvenuta dahlet f'relazzjoni ma' Mario Borg.
"4. Il-kontendenti kienu sseparaw b'kuntratt pubblikat fit-23 ta' April 1998 u pubblikat min-nutar Dr Marco Burlo (fol. 7). Fil-kuntratt jinghad li l-partijiet ghandhom zewgt itfal. L-attur obbliga ruhu li

[1] Ara certifikat tat-twelid a fol. 74.

jhallas lill-konvenuta s-somma ta' Lm40 fil-gimgha ghat-tfal minuri. Obbliga wkoll ruhu li jhallas spejjez straordinarji ghall-edukazzjoni u dawk relatati mas-sahha, fir-rigward tal-minuri.

"5. Fid-29 ta' Novembru 2010, l-attur ipprezenta ittra ufficjali (fol. 29) kontra martu fejn sejhilha biex thallsu lura l-flus kollha li kien hallasha ghall-minuri Erica Decoda. Fl-ittra jinghad li sar jaf li *"[….] ghalkemm registrata bhala bintu fuq ic-certifikat tat-twelid [vide Dok. A], mhux il-wild tieghu u ergo hu mhux il-missier bijologiku taghha [vide Dok. B]"* (fol. 29).

"6. B'sentenza li nghatat mill-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja, fil-15 ta' Novembru 2011 fil-kawza **Mario Borg vs Adriana Vella**, Erica Decoda giet dikjarata li hi bint Mario Borg (fol. 21). F'dik il-kawza l-konvenuta ddikjarat: *"Illi ma hux kontestat li l-esponenti ghandha tifla li jisimha Erica Decoda li twieldet fit-12 ta' Lulju 1996 u dan skond kif jidher mid-dokument A u mhux qed jigi kontestat li l-konvenut Vella kellha relazzjoni extra-maritali mal-attur Borg biss,* ***pero' ma hix f'posizzjoni li tikkonferma li l-minuri msemmija hija t-tifla tal-attur stante li fil-perjodu meta giet ikkoncepita l-minuri Erica Decoda, il-konvenuta Vella kienet ghadha f'relazzjoni intima mar-ragel taghha l-konvenut l-iehor Stephen Vella kif ukoll f'relazzjoni intima mal-attur Mario Borg****. Ghaldaqstant, m'ghandux jigi prekluz lill-partijiet milli jipproducu test tad-DNA biex tigi solvuta din il-pendenza"* (enfazi tal-qorti, fol. 25).

"7. Gialadarba gie ddikjarat li l-minuri Erica Decoda m'hijiex bint l-attur, huwa jrid li martu thallsu lura l-flus kollha li ta matul is-snin ghall-manteniment u bzonnijiet tal-minuri. L-attur qieghed jippretendi hlas ta' disa' u erbghin elf seba' mija u wiehed u tmenin ewro u sitta u tletin centezmu (€49,781.36) bhala pagamenti li ghamel ghall-minuri mit-12 ta' Lulju 1996 (data meta twieldet it-tifla) sat-2 ta' Novembru 2011 (l-ahhar jum li hallas manteniment ghall-minuri)[2], kif ukoll imghax ta' erba' u ghoxrin elf mitejn u tlieta u tletin ewro u erba' u erbghin centezmu (€24,233.44)[3].

"Il-qorti tibda biex tosserva li m'hemmx htiega li Mario Borg ikun parti ghal dan il-process. Il-pretensjoni tal-attur hi fil-konfront ta' martu, gialadarba l-manteniment ta' Erica Decoda hallsu lilha. Mario Borg kien is-sieheb tal-konvenuta u l-attur m'ghandu l-ebda pretensjoni fil-konfront tieghu. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ser tigi michuda.

"L-Artikolu 3B tal-Kodici Civili jipprovdi:-

> *"Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lill-ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied."*.

[2] Il-pretensjoni tal-attur hi spjegata f'nota guramentata dettaljata li pprezenta fil-31 ta' Lulju 2012 (fol. 40-73).
[3] Ara fol. 71.

"Mill-atti hu evidenti li ghalkemm kien jezisti suspett li l-minuri Erica Decoda ma kenitx bint l-attur, ma kienx hemm certezza. Fil-kuntratt ta' separazzjoni jinghad li l-partijiet ghandhom zewgt itfal minuri (klawzola (ii)]. Mill-kuntratt hu evidenti li l-minuri kienet ikkunsidrata li hi bint l-attur, tant hu hekk li klawzola numru tnejn (2) titratta dwar it-tfal, fosthom li decizjonijiet dwar sahha u edukazzjoni ghandhom jittiehdu mill-konjugi flimkien u dritt ta' access ghall-attur. Il-qorti m'ghandix dubju li l-attur obbliga ruhu u fil-fatt hallas il-manteniment u spejjez relatati ma' Erica Decoda, ghas-semplici raguni li kien registrat bhala missierha. Kien biss bis-sentenza li nghatat fil-15 ta' Novembru 2011 fil-kawza 187/2009 li l-attur gie mehlus mill-obbligu li jkompli jhallas il-manteniment ghall-minuri. Sentenza li ghaddiet in gudikat gialadarba ma sarx appell minnha (fol. 28).

"Il-konvenuta ssostni li l-manteniment li thallas ghal Erica Decoda sar a bazi ta' dak li ftehemu l-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni. Ghalhekk kien hemm rabta kuntrattwali. M'hemmx dubju li gialadarba l-attur iffirma l-kuntratt, kellu obbligu li jhallas il-manteniment u l-ispejjez straordinarji ghall-edukazzjoni u sahha tal-minuri Erica Decoda. Obbligu li l-konvenuta kkonfermat li zewgha kien wettaq[4]. Hu evidenti li meta l-attur assuma l-obbligu kuntrattwali kien qieghed sempliciment jintrabat li jwettaq l-obbligu li l-ligi timponi fuq il-genituri, cjoe' li jmantnu lill-uliedhom. L-obbligazzjoni li dahal ghaliha l-attur ma kenitx xi att ta' liberalita'. Ghalkemm qabel iffirma l-kuntratt kien diga' hemm suspett li ma kienx missier Erica Decoda, id-dubju kien jezisti. Tant dan hu minnu li rrizulta li wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt, l-attur kien ukoll ghamel zmien jezercita l-access ghat-tifla. Pero' mir-rikors guramentat ma jidhirx li l-*causa petendi* tal-attur hi li l-kunsens tieghu fuq l-att ta' separazzjoni kien per ezempju vvizjat minhabba zball.

"Il-fedelta' hu obbligu principali taz-zwieg. Pero' f'dan il-kaz l-event dannuz ghall-attur ma kienx l-adulterju *per se* imma 'l fatt li l-konvenuta kellha tifla barra miz-zwieg. Din id-distinzjoni qeghda ssir gialadarba fi klawzola numru 12 tal-kuntratt jinghad: *"The parties agree and declare that saving what is contemplated on this deed, the said parties possess no reciprocal rights, claims and/or pretensions"*. Il-konsegwenza ta' tali dikjarazzjoni hi li l-attur ma setax, fil-futur, iressaq xi pretensjoni kontra martu ghal fatt li kkommettiet adulterju. Pero' mhux l-istess jinghad ghal fatt li kellha tarbija barra miz-zwieg. Meta saret is-separazzjoni konsenswali kien hemm biss suspett li t-tifla setghet ma kenitx bint l-attur. M'hemmx prova li l-attur kien qieghed isostni li t-tifla m'hijiex bintu, ghalkemm kien jezisti d-dubju. Jibqa' 'l fatt li f'dak l-istadju ma kienx hemm kwistjoni bejn il-partijiet dwar il-paternita' tat-tifla, tant li l-attur assuma l-obbligu li jmantniha, wettaq tali obbligu u kien ghamel ukoll zmien jezercita l-access. L-Artikolu 1718 tal-Kodici Civili jipprovdi: *"It-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet, b'xi haga li jaghtu, iwieghdu, jew izommu, jaghtu tmiem ghal kawza mibdija, jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir"*. Ghalhekk hi l-fehma tal-qorti li l-klawzola

[4] *"Nikkonferma li zewgi dejjem hallas il-manteniment li dwaru ftehmna"* (fol. 270).

numru 12 tal-kuntratt ma setghet qatt tikkomprendi vertenza li ma kenitx tezisti fiz-zmien tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt gialadarba hu evidenti li ma kienx hemm certezza dwar il-paternita'. Ghalkemm il-konvenuta qalet li meta sar il-kuntratt ma kenitx in *mala fede* (eccezzjoni numru 5), xorta ghandha r-responsabbilta' li tirrizarcixxi lill-attur ghad-danni li sofra b'rizultat tal-fatt li kellha tarbija fiz-zwieg. Irridu niftakru li skond il-ligi, tarbija mwielda minn mara mizzewwga, fic-certifikat tat-twelid taghha jrid jitnizzel isem zewgha bhala missier it-tarbija (Artikolu 280 tal-Kodici Civili). Ghalhekk l-attur kellu dmir li jmantni lill-minuri. L-attur spicca jmantni wild li kellha martu barra miz-zwieg. Skond l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili, *"kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu"*. M'hemmx dubju li tezisti ness ta' kawzalita' bejn id-dannu li sofra l-attur u l-agir irresponsabbli ta' martu li kellha tifla barra miz-zwieg. F'dan il-kaz m'huwiex importanti min mill-kontendenti kien hati li sehhet is-separazzjoni. Madankollu l-attur ma tax prova ta' x'inhuma d-danni li permezz tat-tielet talba talab lill-qorti sabiex tillikwida.

"Il-konvenuta argumentat li meta ffirma l-kuntratt ta' separazzjoni, l-attur kien jaf li hemm dubju dwar il-paternita ta' Erica Decoda, u b'danakollu xorta obbliga ruhu li jhallas il-manteniment. Id-dubju ma jfissirx certezza. Dubju li jidher li kellha l-konvenuta stess tant li fil-kawza ta' paternita', li Mario Borg ippropona fl-2009, iddikjarat li ma kenitx f'posizzjoni tghid min hu l-missier naturali. Jekk ma kenitx taf il-konvenuta x'inhi l-verita, ghallinqas hekk qalet, ahseb u ara kemm kien ser ikun jaf l-attur. Ghalhekk l-argument tal-konvenuta ma jregix. Dan apparti li fiz-zmien meta gie ppubblikat il-kuntratt hu evidenti li legalment l-attur ma setax jipproponi kawza ta' denegata paternita in kwantu mill-provi jirrizulta li ma kienux jezistu l-elementi mehtiega mil-ligi ta' dak iz-zmien sabiex tirnexxi kawza simili. Meta xehedet, l-attrici qalet li meta qalet lil zewgha bid-dubju li kellha dwar jekk Erica Decoda kenitx bintu, l-attur ma riedx jaghmel test tad-demm minhabba ommu. Il-qorti ma temminx din il-verzjoni, in kwantu:-

"i. Irrizulta li l-attur kien mar jiehu parir minghand avukat u gie nfurmat li kif kienet il-ligi dak iz-zmien, ma kienx ikollu rizultat pozittiv kieku jipproponi kawza ta' denegata paternita. Fuq bazi ta' probabilita' l-attur ma kienx ifittex parir simili kieku ried izomm l-affarijiet mistura;

"ii. Dak iz-zmien il-konvenuta setghet facilment, kieku verament riedet tkun taf x'inhi l-verita', taghmel test tad-demm bejn it-tarbija u s-sieheb taghha. Ma kenitx tiddependi mill-attur biex tkun taf jekk Borg huwiex il-missier naturali. Pero' kien biss wara li ntemmet ir-relazzjoni ma' Borg u l-konvenuta li sar it-test tad-demm u gie determinat darba ghal dejjem x'inhi l-verita.

"Minn dawn ic-cirkostanzi hu evidenti li l-konvenuta kienet komda li zzomm l-affarijiet kif kienu u b'dan il-mod l-attur dahal ghall-obbligu li

jmantni lil Erica Decoda. Il-qorti temmen il-verzjoni tal-attur li kien talab lill-konvenuta sabiex jaghmlu test tad-demm biex ikunu jafu x'inhi l-verita, izda t-talba ma gietx milqugha. Bil-fatt li ghazel li jiffirma l-kuntratt ghalkemm kien jezisti suspett dwar il-paternita tal-minuri, ma jfissirx li kien qieghed jirrinunzja ghad-drittijiet fl-eventwalita' li fil-futur jigi ddikjarat li t-tifla ma kenitx bintu.

"Waqt it-trattazzjoni saret riferenza ghas-sentenza ta' din il-qorti[5] fil-kawza **Mario Micallef vs Sandra Micallef Gravina** deciza fl-4 ta' Ottubru 2011[6] fejn il-qorti applikat l-Artikolu 1147 tal-Kodici Civili u kkundannat lill-konvenuta thallas lura lill-attur il-manteniment li kien hallas sad-data li fih inghatat sentenza fejn gie ddikjarat li l-minuri ma kenitx wild naturali tieghu. L-Artikolu 1147 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

> *"kull hlas jissoponi dejn, u dak li jithallas bla ma jkollu jinghata, jista' jintalab lura"*.

"Fil-kaz tal-lum ghandna l-obbligazzjoni li assuma l-attur fil-kuntratt ta' separazzjoni li jmantni lil Erica Decoda. Fl-indebitu oggettiv:-

*"L'accipiens **riceve un arrichimento in senso assoluto perche il credito non esisteva**. L'ipotesi piu' frequente si ha quando si paga in base a un atto invalido."* (Istituzioni di Diritto Civile, A. Trabucchi[7]).

"Fis-sentenza hawn fuq citata l-qorti osservat li l-attur kien hallas il-manteniment ghaliex hekk kien obbligat jaghmel wara ordni tal-qorti; *"L-attur ma setax jehles minn din l-obbligazzjoni hlief wara pronunzjament tal-Qorti li tiddikjara li l-wild [A] ma kienitx bintu ergo l-hlas li sar qua manteniment, gie perecepit mill-konvenuta bla causa originarja tar-rapport li jwassal ghall-obbligu tal-hlas tal-manteniment"*. Ragunament li fil-fehma ta' din il-qorti japplika wkoll ghal dan il-kaz, ghalkemm il-manteniment thallas b'effett tas-separazzjoni konsenswali li kkonkludew il-partijiet. L-attur kien qieghed iwettaq l-obbligu tieghu li jmantni lill-minuri gialadarba l-ligi stess tqiesu bhala l-missier naturali. Pero' wara li nghatat is-sentenza li biha gie determinat li Erica Decoda hi bint Mario Borg, il-konsegwenza naturali hi li qatt ma kienet tezisti obbligazzjoni pekunjarja li l-attur imantni lill-minuri. Mela l-obbligazzjoni li jmantniha u li assuma fil-kuntratt ta' separazzjoni, kienet bla *causa*. F'dan ir-rigward ma jistax jigi argumentat li meta l-attur hallas il-manteniment kien ghadu meqjus bhala l-missier naturali tat-tifla, ghaliex ladarba s-sentenza tal-qorti ddikjarat li l-missier naturali hu haddiehor, dak l-istat, li jiswa *erga omnes*, jmur lura ghall-gurnata tat-twelid ta' Erica Decoda. Ladarba gie deciz li l-attur m'huwiex il-missier naturali tat-tifla, dan l-istat japplika mid-data tat-twelid, u ma jaghmilx sens, diversament, li l-attur ikun meqjus biss li m'huwiex il-missier naturali mid-data tas-sentenza. 'Il fatt li ma jezisti ebda obbligu ta' manteniment johrog mis-semplici fatt li m'huwiex missierha.

[5] Imhallef M. Chetcuti.
[6] Dak iz-zmien pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell.
[7] Cedam (1981) pagna 729.

"Ghal dak li jikkoncerna l-hlas li hu pretiz, il-konvenuta ma rribattitx ghal dak li l-attur iddikjara fin-nota guramentata li pprezenta fil-31 ta' Lulju 2012, fejn ta spjegazzjoni dettaljata tal-hlasijiet kollha li ta lill-martu u x'qieghed jippretendi. L-attur qassam dan il-hlas fi tlett perjodi:-

"i. 12 ta' Lulju 1996 (data tat-twelid ta' Erica Decoda) sat-23 ta' April 1998 (data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni). Dan hu perjodu li fih il-konvenuti kienu ghadhom qeghdin ighixu flimkien. L-attur qieghed jippretendi hlas ta' €46.59 ghal kull gimgha. Fil-fehma tal-qorti l-pretensjoni m'hijiex ezagerata u ghalhekk it-talba ghall-hlas €4,332.63 ser tintlaqa';
"ii. 23 ta' April 1998 sat-8 ta' Gunju 2005;
"iii. Awissu 2005 sat-2 ta' Novembru 2011;

"L-ammont komplessiv li jippretendi l-attur huwa ta' **disa' u erbghin elf seba' mija u wiehed u tmenin ewro u sitta u tletin centezmu (€49,781.36)**.

"Ghal dak li jikkoncerna t-tielet talba, l-attur ma ghamel l-ebda accenn fhix jikkonsistu d-danni li qieghed jippretendi. Ghalhekk din it-talba ser tigi michuda.

"L-attur jippretendi wkoll hlas ta' €24,233.44 imghax fuq l-ammonti li hallas bhala manteniment u ammonti ohra li hallas lill-konvenuta ghall-bzonnijiet tat-tifla[8]. L-imghax li qieghed jitlob l-attur hu spjegat f'paragrafi 29 sa 32 tan-nota li pprezenta fil-31 ta' Lulju 2012. Hu evidenti li l-attur qieghed jippretendi imghax b'effett mid-data li fih ghamel il-hlas (ara r-raba' talba). Dwar din it-talba l-qorti hi tal-fehma li:-

"i. Fid-data li l-attur ghamel il-hlasijiet, dawn kienu dovuti gialadarba sa dakinhar kien ghadu jidher bhala l-missier naturali tat-tifla. Meta s-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) saret gudikat, kien il-mument li fih twieled il-jedd li l-attur jitlob ir-rifuzjoni ta' flus. Wiehed irid iqies ukoll li l-qorti m'hijiex tikkonkludi li l-konvenuta kienet taf b'certezza li t-tifla kienet bint Mario Borg. Dak li rceviet il-konvenuta sakemm inghatat is-sentenza kienet qeghda tircevih a bazi tal-ftehim li kkonkludiet ma' zewgha. Ghalhekk ukoll ma jistax jinghad li kienet qeghda tircevih in *mala fede*.
"ii. Hu b'din is-sentenza li l-ammont li hu dovut lill-attur gie likwidat. Il-principju generali huwa li *in illiquidis non fit mora*."

## L-Appelli

[8] It-talba ghall-imghax hi kompriza fir-raba' talba.

5. Il-konvenuta prezentat l-appell taghha fl-4 ta' Dicembru 2013 li ghalih wiegeb l-attur b'risposta prezentata fl-24 ta' Dicembru 2013 flimkien ma' appell incidentali.

6. Il-konvenuta tibbaza l-appell taghha fuq erba' aggravji: [1] li t-talbiet tal-attur kellhom jigu michuda abbazi ta' dak li jghid l-artikolu 22 tal-Kodici Civili; [2] li meta l-attur iffirma l-kuntratt tas-separazzjoni li permezz tieghu huwa kien obbliga ruhu li jibqa' jhallas manteniment lill-attrici ghat-tifla minuri, huwa kien konsapevoli li f'dak iz-zmien diga` kien hemm dubju dwar il-paternita` tat-tifla; [3] li r-rifuzjoni pretiza mill-attur tirreferi ghall-perjodu meta l-minuri kienet qeghda fi stat legittimu u [4], li l-konvenuta qatt ma kienet in *male fede* u ghalhekk huwa applikabbli l-artikolu 993 tal-Kodici Civili li jezigi li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in *buona fede*.

7. Abbazi ta' dawn l-aggravji l-konvenuta qeghda titlob li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, din il-Qorti tilqa' l-eccezzjonijiet taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur.

8. Min-naha tieghu l-attur irrisponda ghall-appell tal-konvenuta billi talab li, ghar-ragunijiet indikati fir-risposta tieghu, l-appell ghandu jigi michud u s-sentenza appellata tigi konfermata u, ressaq appell incidentali bazat fuq l-aggravju li dik il-parti tar-raba' talba li giet michuda

kellha tintlaqa' mill-ewwel Qorti peress li l-attrici kienet in *mala fede* u ghalhekk il-konvenuta *"kellha tigi ikkundannata thallas lill-appellat is-somma ta' €24,233.44 bhala imghax fuq l-ammonti li huwa hallas bhala manteniment u ammonti ohra li huwa hallas lill-appellanti ghall-bzonnijiet tal-minuri.."*

9. Abbazi tal-aggravju premess l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghall-hlas tal-imghaxijiet fuq l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti mid-data ta' kull hlas, liema imghaxijiet jammontaw ghas-somma fuq indikata, u li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata li thallas l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta.

10. Il-konvenuta rrispondiet ghal dan l-aggravju billi talbet li l-appell incidentali jigi michud u li l-appell taghha jigi milqugh, bl-ispejjez kontra l-attur

L-Appell Principali

*L-Ewwel Aggravju*

11. L-Ewwel aggravju hu fis-sens li l-ewwel Qorti ma kellhiex tapplika l-artikolu 1147 tal-Kodici Civili izda kellha tapplika l-artikolu 22 tal-istess kodici li fis-subinciz [1] jghid li:

> "Min ikun ta l-manteniment m'ghandux jedd jitlob ir-radd ta' dak il-manteniment li jkun ta wara li tkun spiccat ir-raguni li ghaliha kien obbligat ghall-manteniment."

12. Hi tkompli tfisser hekk dan l-aggravju:

> "Illi gie trattat fil-kawza odjerna u ampjament provat li l-kuntratt ta' separazzjoni ma setax isir mod iehor, ebda qorti ma kienet ser tapprova li jghaddi kuntratt ta' separazzjoni galadarba ma jkunx hemm klawsola specifika li tipprovdi manteniment lill-genitur li ghandu l-kura u kustoda tal-minuri. F'dan il-kaz kien ghadda z-zmien biex l-attur jaghmel il-kawza tieghu tad-de negata paternita` ghal mod kif kienet il-Ligi dak iz-zmien, u ghal dan in-nuqqas zgur li m'ghandhiex tigi ikkundannata l-appellanti……. Illi zgur mhuwiex kontestat il-fatt li l-manteniment kollu li gie versat ghall-minuri intuza ghall-ghixien ta' l-istess minuri u li ghalhekk japplika l-principju generali msejjes fl-artikolu 22 tal-Kap.16, li l-flus dejjem intuzaw ghall-beneficcju tal-minuri li kienet legalment rikonoxxuta bhala wild l-appellat u kienet fi stat legittimu fil-perjodu meta kien qed jigi vversat il-manteniment."

13. Il-konvenuta tkompli ssostni l-aggravju taghha billi taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti, diversament komposta, fl-10 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet "*Josette Vella vs Sebastian Vella.*"

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

14. Fl-ewwel lok din il-Qorti tirribadixxi[9] li l-artikolu 22 jirreferi ghal manteniment imhallas wara li l-kawza ghall-obbligu tal-hlas tieghu tkun spiccat u ghalhekk, dak l-artikolu huwa inapplikabbli ghall-kaz odjern ghax f'dan il-kaz l-obbligu tal-attur ghal hlas tal-manteniment huwa bla *causa* originarja stante li rrizulta li hu mhuwiex il-missier bijologiku tal-minuri u ghalhekk fil-fatt u fil-ligi hu qatt ma kellu obbligu li jhallas manteniment ghaliha. Il-fatt li ghaz-zmien sakemm gie stabbilit li hu mhuwiex il-missier naturali tat-tifla hu kien obbligat bil-ligi li jhallas il-manteniment minhabba l-prezunzjoni legali mahluqa mill-fatt li t-tifla twieldet waqt iz-zwieg ma jbiddel xejn minn din il-konkluzjoni, ghax, malli gie stabbilit li t-tifla mhijiex tieghu allura gie stabbilit ukoll li dak kollu li hu kien gie kostrett ihallas qabel is-sentenza li stabbiliet li hu mhuwiex il-missier naturali taghha, tiskatta l-applikazzjoni tal-artikolu 1147 tal-Kodici Civili li jaghtih id-dritt jiehu lura dak li kien kostrett ihallas indebitament.

15. Fit-tieni lok, l-argument tal-konvenuta bazat fuq dak li kienet qalet din il-Qorti fil-kawza *Josette Vella vs Sebastian Vella* ma jreggix, stante li x-xenarju fattwali u legali f' dik il-kawza kien differenti. Dik il-kawza kienet, *inter alia*, titratta pagamenti li saru mill-konvenut lill-attrici wara li z-zwieg tieghu mal-konvenuta kien gie dikjarat null. Ghalhekk il-materja in diskussjoni kienet taqa' li tigi regolata bil-ligi specjali li jirregola l-Att taz-Zwieg [Kap.255] fejn allura japplikaw regoli differenti minn dak li

[9] App.C 1117/2010 Mario Micallef vs Sandra Micallef Gravina, deciz 29 ta' Mejju 2015

jghid l-artikolu 22 tal-Kodici Civili. Bizzejjed li jinghad li, skond dak l-Att, jekk zwieg ikun dikjarat null l-effetti ta' zwieg validu ghandhom jitqiesu li kienu jezistu favur il-mizzewgin sakemm is-sentenza ta' nullita` tkun saret *res judicata* meta l-mizzewgin ikunu izzewgu *in bona fide.*[10] Fi kliem iehor dak l-Att jikkontempla sitwazzjoni fejn, minkejja li zwieg ikun gie dikjarat null, kellu jitqies bhala validu saz-zmien li jkun hekk dikjarat. Dan hu kompletament differenti mill-kaz odjern fejn, ladarba gie stabbilit li t-tifla mhijiex il-wild naturali tal-missier, il-prezunzjoni tal-ligi rigwardanti tfal imwieldin fiz-zwieg giet newtralizzata w allura l-obbligu tal-manteniment qatt ma ezista f'ghajnejn il-ligi.

16. Fit-tielet lok, din il-Qorti tosserva li l-fatt li l-attur kien iffirma l-kuntratt ta' separazzjoni meta kien hemm id-dubju dwar il-paternita` tat-tifla ma jimmilitax kontra t-talba tieghu ghar-rifuzjoni tal-ammont imhallas minnu indebitament, ghax, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, dak ma kienx att ta' liberalita` stante li hu kien obbliga ruhu kontrattwalment li jhallas manteniment li skond il-ligi kien obbligat ihallas bhala l-missier prezunt tal-minuri.

17. Fir-raba' lok, jigi osservat li l-fatt li l-konvenuta wzat il-flus moghtija lilha mill-attur ghall-bzonnijiet tat-tifla huwa rrilevanti ghall-pregudizzjali in dizamina.

---

[10] Art.20 [1] Kap.255

18. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*It-Tieni u t-Tielet Aggravju*

19. It-tieni aggravju hu fis-sens li meta l-attur iffirma l-kuntratt ta' separazzjoni huwa kien diga` konsapevoli li t-tifla ma kinitx tieghu. Tishaq li, minkejja li l-konvenuta kienet qaltlu li kellha dubju dwar il-paternita` tat-tifla, huwa baqa' jinsisti li jikkuntratta li jhallas il-manteniment ghat-tifla.

20. Barra minn hekk meta inbidlet il-ligi huwa seta' jaghmel il-kawza ta' *denegata* paternita`, izda minkejja dan, hu baqa' passiv u ma ghamel xejn u kien biss wara li s-sieheb tal-konvenuta ghamel il-kawza ta' filjazzjoni li gie stabbilit li l-attur mhuwiex il-missier bijologiku tat-tifla.

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

21. Din il-Qorti tosserva li, kif jghid l-attur fir-risposta tieghu, ma jispettax lill-konvenuta li tghid x'kellu u x'ma kellux jaghmel l-attur qabel ma obbliga ruhu kontrattwalment li jhallas manteniment ghat-tifla. Ladarba hi tghid li kellha suspett li din setghet ma kinitx tal-attur allura kellha l-obbligu mid-data tat-twelid tat-tifla li tiehu l-mizuri sabiex isir it-test tad-DNA bejn il-kampjun tat-tifla u dak tas-sieheb taghha li

sussegwentement irrizulta li kien il-missier naturali tat-tifla. Inoltre, l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni motivata li ma kienx minnu li kien l-attur li ma riedx li jsir it-test xjentifiku tad-demm bejnu u bejn it-tifla, imma kienet il-konvenuta li ma riditx li dan isir ghax ovvjament kienet komda tircievi l-flus ghat-tifla minghand l-attur. Kif gustament osservat l-ewwel Qorti:

> "Dak iz-zmien il-konvenuta setghet facilment, kieku verament riedet tkun taf x'inhi l-verita`, taghmel test tad-demm bejn it-tarbija u s-sieheb taghha. Ma kinitx tiddependi mill-attur biex tkun taf jekk Borg huwiex il-missier naturali. Pero` kien biss wara li ntemmet ir-relazzjoni ma' Borg u l-konvenuta li sar it-test tad-demm u gie determinat darba ghal dejjem x'inhi l-verita…………Il-Qorti temmen il-verzjoni tal-attur li kien talab lill-konvenuta sabiex jaghmel test tad-demm biex ikunu jafu x'inhi l-verita`, izda t-talba ma gietx milqugha'"

22. Din il-Qorti wara li ezaminat il-provi fid-dawl tal-grad tal-prova rikjest fid-dritt civili ma tarax li hemm raguni valida li ghaliha ghandha tiddisturba dan l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti.

23. Fit-tielet aggravju taghha l-konvenuta tilmenta li hi m'ghandhiex issofri minn nuqqasijiet fil-ligi li minhabba fihom l-attur ma setax jipproponi b'success kawza ta' filjazzjoni. Barra minn hekk, il-manteniment inghata meta l-minuri "kienet fi stat legittimu" sabiex tircevih.

24. Fir-rigward din il-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet premessi u wkoll tirribadixxi li kieku l-konvenuta

verament riedet tkun taf il-verita` hija setghet tiehu l-mizuri biex isir it-test tad-DNA bejn it-tifla u Mario Borg*, multo magis* meta f'dak iz-zmien jidher li r-relazzjoni bejn il-konvenuta u dan Borg kienet tajba. Li kieku sar dak it-test, il-paternita` tat-tifla kienet tigi stabbilita hafna qabel u l-attur ma kienx ikun kostrett li jkompli jmantni lit-tifla li eventwalment irrizultat li kienet ta' haddiehor u mhux tieghu.

25. Ghaldaqstant tqis dawn l-aggravji mhux gustifikati u qed jigu michuda.

*Ir-Raba' Aggravju*

26. Il-konvenuta tfisser hekk dan l-aggravju:

> "Illi l-esponenti ma kienet qatt *in mala fede* meta sar dan il-kuntratt u certament ma dahlitx ghalih bil-hsieb li l-attur appellat jsofri xi dannu jew telf ……… l-artikolu 993 tal-Kap.16 jesigi li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-*bona fidi* u dawn jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha. Illi ghalhekk, galadarba l-konvenuti appellanti kienet *in bona fidi* tant li kienet informat lill-appellat bid-dubju li kellha dwar il-minuri, l-ewwel Qorti ma kellha qatt taqta' u tiddeciedi li l-esponenti ghandha tirrifondi lura l-manteniment kollu li nghatat il-minuri."

27. Min-naha tieghu l-attur, filwaqt li jaghmel referenza ghall-artikoli 1021 u 1023 tal-Kodici Civili, iccitati minnu fil-konsiderazzjonijiet tat-tieni aggravju, jissenjala li l-fatt li l-konvenuta kellha relazzjoni adulteruza fiz-zmien meta kienet ghadha intima ma zewgha, u l-fatt li hija stess

ammettiet li kellha dubju dwar il-paternita` tat-tifla, jaddossaw fuqha l-*mala fidi*.

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

28. Din il-Qorti tosserva li l-argument tal-attur ghandu mis-sewwa, ghax la darba l-konvenuta kellha suspett fondat dwar il-paternita` tal-minuri, hija kellha l-obbligu li tiehu l-mizuri opportuni biex tistabilixxi l-verita` fir-rigward, jekk mhux ghal beneficcju tal-attur izda zgur fl-interess tal-minuri li sa mid-data tat-twelid taghha kellha d-dritt li jigi stabbilit minn verament hu l-missier naturali. Din il-Qorti tissenjala li ma kienx fid-diskrezzjoni tal-konvenuta li tiddeciedi hi z-zmien li fih tigi stabbilita l-paternita` tat-tifla, imma kif fuq spjegat kien fl-interess tat-tifla li l-paternita` taghha tigi stabbilita mill-aktar fis wara li twieldet. Izda jirrizulta car li l-egoizmu tal-konvenuta ipprevala fuq l-interess tat-tifla u tal-attur bir-rizultat li sakemm il-minuri kellha 15-il sena[11] din ma kinitx fil-pozizzjoni li tghid min verament kien il-missier bijologiku taghha. Il-konvenuta kienet komda tircievi l-manteniment minghand l-attur minghajr rigward, la ghall-istess l-attur u lanqas ghall-ahjar interess tal-minuri. Dan fil-fehma ta' din il-Qorti ipoggi lill-konvenuta f'*mala fidi*. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata tghid li ma jistax jinghad li l-konvenuta

[11] It-tifla twieldet fit-12 ta' Lulju 1996 u l-kawza tal-paternita` giet deciza fil-15 ta' Novembru 2011

kienet qeghda tircievi l-manteniment *in mala fede*.[12] Id-dubju li seta' kellha l-konvenuta, jekk verament kellha dubju, minhabba c-cirkostanzi li dahlet fihom volontarjament u n-nuqqas da parti taghha li tnehhi dak id-dubju billi tistabbilixxi l-verita` jirradika l-*mala fidi* fil-konfront taghha.

29. Minkejja li l-konvenuta dejjem sostniet li hi riedet taghmel it-test tad-DNA izda l-attur ma riedx, hemm elementi ta' prova sufficjenti li jikkonfermaw li l-konvenuta qatt ma riedet li jsir dan it-test u li fil-fatt kienet tircievi l-manteniment ghat-tifla kemm minghand l-attur kif ukoll flus minghand Mario Borg li kien is-sieheb taghha. Hija kienet tinsisti fuq il-manteniment tal-attur ghat-tifla tant li kif tammetti hi stess gieli hadet proceduri kriminali fil-konfront tal-attur. Fi kliemha: *"Jien il-manteniment insistejt ghalih*."[13]

30. Giorgina Borg il-mara ta' Mario Borg tghid:

> "…Kont incemplilha biex nghidilha li lit-tifla naghmlulha DNA test biex inkun naf bic-cert u dejjem kienet irrifjutat….. qatt ma irrifjutat bil-kelma li jsir id-DNA ghax jien kelli dak is-suspett, imma kienet iggibli l-iskuzi ….. kont kellimtha dwar id-DNA test xi darbtejn jew tlett darbiet imma dejjem gabitli l-iskuzi"[14]

31. L-attur jghid:

[12] Pga.6
[13] Xhieda konvenuta foll.272 - 273
[14] Xhieda foll.277 - 279

> "Lill-mara tlabtha kemm-il darba biex naghmlu test tad-DNA imma kienet tghidli 'iva irid isir' imma din dejjem tipposponi. Qatt ma waslu imkien."[15]

32. Mario Borg jghid:

> "Mistoqsi mill-Qorti jekk kontx naf li Adriana kienet qed iggorr it-tarbija tieghi, nghid 'iva konna nafu'…… Adriana dak iz-zmien kienet tghidli li ma kellhiex x' taqsam ma' zewgha qabel harget tqila. Jiena ridt li t-tifla tigi registrata f'ismi mill-ewwel jigifieri mat-twelid. Adriana ma accettatx. Adriana qaltli ahjar ma jsirux proceduri halli ma jinqalax inkwiet…… kienet decizjoni tieghi u ta' Adriana li ma issirx il-kawza ta' paternita`. Jiena minhabba l-insistenza ta' Adriana accettajt li ma issirx il-kawza. …. Il-pozizzjoni li hadet Adriana kienet dejjem li hi ma xtaqitx li jsir dan it-test….. nikkonferma li kienet ix-xewqa ta' Adriana li ma issirx il-kawza. Imma jiena qbilt u accettajt dak li riedet Adriana.
>
> ………………… omissis ………………………………..
>
> "Jien dejjem mantnejtha lil Erica mit-twelid. Anke flus ghat-tobba kont naghtiha. Ma' Adriana jien ghamilt ghaxar snin nghix u dejjem mantnejt lit-tifla. F'dan il-perjodu dejjem kelli oppozizzjoni minghand Adriana biex il-kawza tal-paternita` ma issirx. Jien ghidt li t-tifla kont immantniha jien.

33. Fid-dawl ta' dawn l-elementi ta' prova li jistabbilixxu l-mala fidi li bih agixxiet l-attrici fir-rigward, kull kumment iehor ikun superfluwu.

34. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

L-Appell Incidentali

35. Dan hu bazat fuq l-aggravju dirett lejn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti cahdet parti mir-raba' talba fejn cahdet il-

[15] Xhieda fol.280 - 290

pretensjoni tal-attur li jithallas l-ammont ta' €24,233.44 rapprezentanti imghax fuq l-ammonti li hallas bhala manteniment u ammonti ohra li hallas ghall-bzonnijiet tat-tifla. Dik il-Qorti cahdet it-talba tal-attur ghall-imghax dekorribbli mid-data li fih ghamel il-hlas.

36. Huwa fisser hekk dan l-aggravju:

> "L-aggravju ta' l-appellat huwa fis-sens li l-Ewwel Qorti qatt ma setat, dejjem bid-dovut rispett, tikkonkludi li l-appellanta Adriana Vella ma kinitx in mala fede meta hija kkuntratt il-kuntratt ta' firda konsenswali. Dan peress li hija kienet f'relazzjoni adultera ma Mario Borg u li meta twieldet it-tifla hija kienet taf li din ma kinitx ta' l-appellat. Allura meta hija insistiet sabiex fuq il-kuntratt ta' firda konsenswali jkun hemm manteniment ghat-tifla Erica Decoda hija kienet taf li kienet qeghda tippretendi xi haga (il-manteniment ghaliha) meta ma kellhiex dritt titolbu. Aparti minn hekk, din l-posizzjoni taghha – ta' malafede – kompliet tigi aggravata bil-fatt li meta imbaghad ma baqghetx tintbaghat il-minuri Erica Decoda ghand l-appellat l-ghaliex kienet tidher bic-car li mhux bintu, l-intmata baqghet tinsisti ma' l-appellat li dan xorta wahda jhallas il-manteniment ghaliha. Skond l-artikolu 1021 tal-Kapitolu 16 '*Kull min jircievi, sew xjentement jew bi zball, haga li hu ma kellux jiehu la taht obbligazzjoni civili lanqas naturali, ghandu jroddha lil dak li minn ghandu jkun ircivha bla jedd'* u li hekk minn ircieva dawn il-flus ikun ghamlu b'mala fidi, allura huwa jkun irid '*irodd sew il-kapital kemm ukoll l-imghaxijiet minn dak in-nhar tal-hlas*'. (Art 1023(1) tal-Kap. 16). Ghalhekk il-parti tar-raba talba li giet michuda kellha tintlaqa' u konsegwentement l-appellanta kellha tigi kkundannata thallas lill-appellat is-somma ta' €24,233.44 bhala imghax fuq l-ammonti li huwa hallas bhala manteniment u ammonti ohra li huwa hallas lill-appellanta ghall-bzonnijiet tal-minuri Erica Decoda."

37. Min-naha taghha l-konvenuta tirribatti ghal dan l-aggravju, fl-ewwel lok billi teccepixxi l-preskrizzjoni ai termini "tal-artikolu 2156 *et seq*." tal-Kodici Civili, fit-tieni lok tichad li hi kienet in *mala fidi* tant li kienet qalet lill-attur bid-dubju taghha sa miz-zmien li fih kien sar il-kuntratt u fit-tielet lok, li s-somma imhallsa bhala manteniment giet determinata b'dawn il-proceduri u ghalhekk ma jistax legalment jinghad

li l-konvenuta kienet moruza fil-pagament u ghalhekk, ebda imghax ma hu dovut.

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

38. Fl-ewwel lok jigi osservat li, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta fir-risposta taghha ghall-appell incidentali ma tistax tregi ghal zewg ragunijiet: l-ewwel wahda hi ghax ma giex indikat taht liema subinciz tal-artikolu 2156 qed tigi sollevata, u t-tieni raguni hi li kif jghid l-artikolu 2123 [a] tal-Kodici Civili il-preskrizzjoni ma timxix bejn ir-ragel u l-mara u ghalhekk ladarba l-partijiet ghadhom mizzewgin, ghalkemm separati, il-preskrizzjoni ma tistax tibda tiddekorri.[16]

39. Fit-tieni lok, kif fuq gja spjegat din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel Qorti li l-konvenuta ma kinitx in *mala fidi* u allura, kif sottomess mill-attur, japplika d-dispost tal-artikolu 1023 [1], u l-attur ghandu dritt jirriklama l-imghaxijiet fuq l-ammonti li thallsu mid-data tal-hlas li, jirrizulta mhux kontestat, jammontaw ghal €24,233.44. Hija opportuna l-osservazzjoni li l-*quantum* tal-ammont pretiz mill-attur ma giex kontestat u ghalhekk abbazi tal-kalkoli maghmula minnu dawn ghandhom jigu accettati. Inoltre, ma jirrizultax li l-ammonti mitluba ma kinux determinabbli tenut kont li l-pagamenti saru lill-konvenuta li allura kellha l-obbligu li izzomm

[16] Ara fost ohrajn, App.C 1117/2010 [supra] u kazistika hemm citata.

kont taghhom, *multo magis* meta l-pozizzjoni dwar il-minuri kienet ghadha fluwida bir-rifjut taghha li taccetta li jsiru t-testijiet tad-DNA.

40. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat u qed jigi milqugh.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-appell principali billi tichdu, filwaqt li tiddisponi mill-appell incidentali billi tilqghu u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka dik il-parti fejn cahdet parti mir-raba' talba u minflok, tordna li mal-ammont ta' €49,781.36 ghandu jizdied l-ammont ta' erba' u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u tletin euro u erba' u erbghin centezmu [€24,233.44] u tordna lill-konvenuta thallas dawn l-ammonti, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata ghal bqija.

L-ispejjez kemm tal-ewwel istanza, kif ukoll tal-appelli kemm principali kif ukoll incidentali ghandhom jithallsu kollha mill-konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr